# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Clayton Farrugia Debono**

**Seduta: VAT**

**Illum: 12 ta` April 2023**

**Il-Qorti**

**Rat li Clayton Farrugia Debono ID 439383(M) imwieled 28/8/1983 gewwa Malta residenti 57 Olympia fl 3 Triq B’Kara San Giljan indirizz tan-negozju The Gents Barber Shop 274 Triq Dun Karm Sant Tarxien Malta akkuzat bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skond Att XXIII tal-1998 u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att waqt spezzjoni ta’ sorpriza li sehhet fl-14 ta’ April 2022 gewwa The Gent’s Barber Shop Triq B’Kara San Giljan**

**Malta rrizulta li jew int jew impjegati tieghek jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghek offrejt li tipprovdi servizz u/jew prodotti lill-persuna ohra u/jew esponejt ghall-bejgh oggetti waqt li kont sprovvist minn cash register fiskali u/jew kotba tar-ricevuti fiskali manwali kif  mahruga jew approvat mill-Kummissarju tat-Taxxi u dan bi ksur tal- parti 1,2,3 u 10 tat-tlettax-il Skeda tal-Att tal-1998 dwar Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ( Att Nru XXIII tal-1998) u l-artikoli 51 u 77(o) , 81 u 82 tal-istess Att**

Rat ix-xhieda kollha

Rat d-dokumenti kollha u l-atti kollha

Semghet it-trattazzjoni

**Ikkunsidrat**

**<u>Joanna Gauci</u>, ID:359474m fit 12 ta April 2023  xehdet hekk:**

Qorti:    Mela inti x`inti il-kariga tieghek please?

Xhud:    Revenue Inspector ma CFR.

Qorti:    X`ha tghidilna fuq dal-kaz?

Xhud:    Din waqt spezzjoni li saret go Gents Barber Shop gewwa San Giljan rajna li l-ahhar ircevuta l-ewwel nies kellu l-cash register ma kelliex karti,

Qorti: Meta?

Xhud: Mela l-ispezzjoni saret fl-14 t`April 2022.

Qorti: Inti dhaltu fih dal-post?

Xhud: Dhalna gewwa iva u saqsejnieh l-X reading pero ma setghax ghax ma kellux il-cash register ma kelliex karti lanqas kellu manual fiscal receipt book igifieri irrizulta ,

Qorti: Imma kien hemm in-nies hemm?

Xhud: Ehe kien hemm in-nies kienu qeghdin jinqdew ehe was giving a service as a barber iva kienu qeghdin jinqdew igifieri dan ma kellux biex jahdem kien sprovvist.

Avu: X`igifieri ma kellux kart jekk jogghbok?

Xhud: Igifieri il-cash register kienet minghajr roll ma setghax johrog rcevuta fiskali.

Qorti: U meta tghid kien hemm in-nies x`igifieri?

Avu: Ghandek fuq il-prime note li kien hemm in-nies?

Xhud: Ijja.

Avu: Haddtilhom isimhom?

Xhud: Le tax payer was giving a service as a barber igifieri hu kien qieghed hemm.

Avu: Mhux hekk saqsietek il-Qorti jekk kellux nies ghandek miktub li kien hemm in-nies?

Xhud: Dak il-hin jien ghandi was giving a service.

Avu2: Allura ghalfejn qed tghid li kien hemm in-nies?

Qorti: Jekk qed tghidlek was giving a service igifieri kien hemm in-nies xi haga kien qed jaghmel.

Xhud: Kien qieghed jahdem bhala barbier kien qiegehd giving a service he was,

Avu2: Ma kienx sinjura qeghda bil-gurament issa jixhed hu.

Avu: Mela intom dhaltu fil-hanut tlabtu ghall-ircevuti x`ghamiltu ezatt tista tispjega pass pass x`ghamiltu?

Xhud: Le jiena ahna dhalna gol-hanut dan kien hemm persuna u kien qieghed jahdem fuqu tlabnieh il-ktieb ghax ma kienx qed ihallas dak il-hin tlabnieh biex johrogilna X reading u qalilna li l-cash register kienet minghajr karti ghax ipprova u ma setghax u ma kellux lanqas zejda u ma kellux manual fiscal receipt book ghalina kien sprovvist.

Qorti: Meta tghid min lil min kellimt?

Xhud: Lit-tax payer.

Avu: Inti kellimt lil min?

Xhud: Ahna kellimna lil Clayton Farrugfia Debono Id number 439383m.

Avu: Issa inti hawnekk fl-awla tarfu lil CLayton Farrugia Debono.

Xhud: Le ghadda naqra zmien.

Avu2: Jekk jogghbok mela qed nifhem l-isem tal-persuna li skond int ien qed jahdem ma haddtux issa inti dal-hanut jekk nissugerilek li dan huwa hanut ta` barbier u ma genbu hem hanut iehor li huwa tat-Tattoo Artist dan tiftakru?

Xhud: Iva.

Avu2: Issa u jekk nghidlek ukoll li jekk il-barbier jiftah il-Gimgha u Sibt jopera inti stajt tinnotaha?

Xhud: Ahna dhalna fil-hanut ahna dhalna mil-hanut tal-barbier.

Avu2: Bilfors trid tidhol ghax biex tmur ghat-Tattoo Artist minn tal-barbier trid tidhol issa jien qed nissugerilek u kien hemm it-taabelli imwahhlin u kollox li l-barbier jopera il-Gimgha u s-Sibt biss filfatt id-dati tal-akkuza inzertat Tuesday kienet inti dina b`xi mod okkorietlek jew le?

Xhud: Ahna la il-hanut kien miftuh la l-bieb kien miftuh dhalna gewwa.

Avu2: Ok xejn izjed mix-xhud.

**<u>Maria Lourdes Dimech, ID:95768m</u>, fit-12 ta April xehdet hekk:**

Qorti: Ma min tahdem please?

Xhud: Ma CFR.

Qorti: U x`inti please?

Xhud: CFR Inspector, hrigt mal-kollega tieghi konnha qeghdin naghmlu exercise Joanne Gauci fl-14ta` April 2022 morna The Gents Barber Shop B`Kara road San Giljan it-Tax Payer qed jaghti servizz ta` barber ma kellux cash register kien hemm cash register ma kelliex karti.

Qorti: Fejn taf li it-Tax payer?

Xhud: Ghax meta fittixt il-Vat number li taghni, taghni li kien it-tax payer li dan il-Vat number jaghhjjat lil Clayton Farrugia Debono ma kien hemmx kotba tal-ircevuti u l-ahhar kotba li kien hemm kienet 25$^{th}$ March 2022.

Avu: Mela qed tghidilna li l-ahhar ircevuta li kien hemm kienet tat-25$^{th}$ March 2022, u inti meta saret l-inspection please?

Xhud: L-inspection saret 14$^{th}$ April 2022.

Avu: Mela inti qed tghid li fit-25$^{th}$ March 2022?

Xhud: 2022,

Avu: U intom mortu?

Xhud: 14th April 2022.

Avu: Igifieri 3 gimghat wara?

Xhud: Iva.

Avu: 3 gimghat wara ma kienx ghad hemm ircevuta ippacjata?

Xhud: Le.

Avu: Xejn iktar sinjura.

**<u>Clayton Farrugia Debono, ID:439383m,</u> fit-12 ta' April 2023 xehed hekk:**

Avu: Mela dak in-nhar ta` din l-inspection inti effetivament kont prezenti u tista tispjega l-Qorti fil-qosor x`gara dak in-nhar tal-14th April?

Xhud: Mela jiena kont il-hanut kien hemm il-mara tieghi mieghi u morna hdejn il-kollega tieghi tat-Tattoos biex taghmel appuntament mieghu biex

taghmel tattoo u bdejna nisstennew in-naha tal-barbier gahx l-iehor hija in-naha tieghi u hu kien qed ipengi dak il-hin dahhlu tal-Vat qalulna li hija tal-Vat u hekk u talbitni l-ircevuta ghedtilha ghandi l-cash register mitfijja ghedtilha tipo ma nistax noerik ircevuti ghedtilha ghax jien maghluq, qaltli tini Z reading ghedtilha li nista ntik ta` L-ahhar gurnata li hdimt ghedtilha ghax il-bqija ma kontx hawnekk ghedtilha u m`ghandix rombl biex nohroglok Z reading issa qaltli orajt tini tajtha l-karta hadet id-dettalji minn fuqha qaltli orajt qaltli dawn biex nuru li tipo rajna il dik tieghek ghedtilha orajt umbaghad dahhlet in-naha l-ohra in-naha ta` Nico fis-sens.

Avu: Huma xehdu likont qed taghmel servizz?

Xhud: Ma kontx qed naghmel servizz.

Avu: Kellek nies filfatt qiegehd bil-gurament?

Xhud: Il-mara tieghi kien hemm.

Avu: Inti dal-kaz biss kellek tal-Vat?

Xhud: Il-mara tieghi biss kien hemm gol-hanut.

Avu: Ma kellekx niex izjed?

Xhud: Ma kienx on a Friday u on a Saturday jiena nahdem il-hanut biss on a Friday u on a Saturday.

Avu: U nzertat kienet Tuesday dak in-nhar?

Xhud: Dak in-nhar dak il-hin morna biex il-mara tkellem lin-Nico thabba t-Tattoo jiena l-ewwel persuna li xehdet hawnekk iva tajtha l-particulars it-tieni persuna ma rajtiex b`ghajnejja qatt ma rajtha hemm gew li kien hemm ma l-ewwel persuna kien ragel twil fartas.

Avu: Inti ghedtilna li tahdem il-Gimgha u s-Sibt biss hawnekk l-inspector ikkonfermat li l-ahhar li inti ppancjajt kien bazikament 3 gimghat qabel tista tispjegali dan jekk jogghbok?

Xhud: Jiena dak in-nhar kont maghluq issa l-ahhar karta li kelli kienet ta meta hdimt l-ahhar daqsekk.

Avu: Igifieri qed tghidilna l-ewwel ghedtilna li tahdem Sibt u Hadd sorry Gimgha u Sibt u f`daqqa wahda saret li inti tahdem meta skond il-cash register x`tghid?

Xhud: Jiena m`ghedtx nahdem kull nhar ta` Gimgha jien gehdt nahdem il-Gimgha u s-Sibt issa dik il-gimgha jiena ma nafx kif qed jghidu minn 3 gimghat qabel imma dik il-gimgha li jiena gew

huma jiena ma kontx xoghol issa x`sar qabel ma jistawx jghidu hrigtx jew le.

Avu: M`ghandiex izjed domandi.

Avu: Xejn iktar sinjura.

**Ikkunsidrat**

Illi ma giet imressqa l-ebda prova li l-imputat Clayton Farrugia Debono kien  persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skond Att XXIII tal-1998.

**Decide**

Ghaldaqstant ghal dawn il-mottivi il-Qorti ma issibx lill-imputat Clayton Farrugia Debono hati tal-akkuzi kollha dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija u piena.

**Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace LL.D.**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**